Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 65
# It-Tnejn 18 ta Dicembru 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier < Dahal 18:15>
Matthew Agius – Kunsillier < Dahal 18:45>
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Alan Abela Wadge – Kunsillier

## ASSENTI

Matthew Mangion - Chairperson Kumittat Amministrattiv Swatar

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

65.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta' apoloġija ta' Dr. Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

65.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' safar fuq xoghol.

65.1.03 Il-Kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

### 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

65.2.01 Il-minuti ta' Seduta Nru 64 ittieħdu bħala moqrija u kien hemm xi korrezzjonijiet fil-minuti 64.3.02 u 64.5.02.

### 65.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

65.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda kopja tal-poster <65.3.01> program tal-Milied li ser jitella go Misrah San Guzepp nhar il-Hamis 21 ta' Dicembru.

65.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba <65.3.02> minn tlett impjegati amministrattivi tal-kunsill biex jigu mgedda 35 siegha leave bejniethom ghas sena 2018.
Il-kunsilliera prezenti approvaw unanimament.

65.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda risposta <65.3.03> minghand is-Sur Tommy Debono ghal Trasport Malta dwar kunsiderazzjoni biex f'kaz ta' Wied Triq Sta. Venera tkun tista' titla 'il fuq u spjegat li ma gietx approvata minhabba li huwa difficli tigbed linja ta' x'jigi miftiehem bil-kelma Wied.

Is-Sur Maurice Agius ssugerixxa biex dawn isiru bil-kliem Caution when raining.

Is-Segretarju ha nota u se jara liem tip ta' tabella tapplika.

65.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda risposta u talba <65.3.04> minghand is-Sur Godwin Sultana ghan-nom tas-Sur Stefan Mogale biex jigi kkunsidrat li titmexxa aktar 'il fuq iz-Zebra Crossing ta' Triq Rue d'Argens.

Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u unanimament m'approvawx din it-talba.

### 65.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

65.4.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar talba ghal partecipazzjoni mill-Ghaqda Melita Banda San Guzepp ghall-Uzu tal-van tal-Kunsill biex jitqassmu r-rigali tal-Milied. Intbaghtet ittra bid-decizjoni tal-kunsill.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk din gietx accetata li bix-xufier tal-kunsill
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ma ha l-ebda kummenti fuq ix-xufier.

65.4.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar attivita' ghall-Kunsilliera u mpjegati ghall-festi tal-Milied u bidu tas-sena 2018. Din ghandha ssir is-Sibt 6 ta' Jannar u l-kunsilliera u mpjegati gew mgharrfa.

65.4.03 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Attivita' ghall-Anzjani wehidhom biex dawn ikunu jistghu jinghaqdu ma' anzjani ohra residenti fid-dar ghall-ikla tal-Milied. Sar il-poster biex jitqassam fil-hwienet u n-notice boards.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li jekk xi hadd mill-kunsilliera prezenti ghandu xi ismijiet jizgura li jghaddihom halli jigu mnizzla mal-lista.

65.4.04 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar tqassim ta' juices fl-okkazjoni ta' Jum Dinji ghat-tfal tal-lokal gewwa lis-skola primarja tal-Imsida, li fil-prezent qeghda Sta Venera, intbghatet ittra ta' ringrazzjament lil agent li offra il-prodott.

65.4.05 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li harget is-sejha interna ghal Skrivana Full Time Skala 15 kif mitlub mill-proceduri.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk gietx verifikata in-notch li tapplika.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li din tibqa kif inhi.

65.4.06 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar talba ghal partecipazzjoni mal-Ghaqda Melita Banda San Guzepp ghas-sehem tal-banda fil-purcissjoni u kuncert tal-Milied li ser issir fit-22 ta' Dicembru. Intbaghtet ittra bid-decizjoni tal-kunsill.

65.4.07 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar ilmenti u rapporti lit-Trasport Malta fuq is-Subway tal-iSkatepark u li tlabna rendikont ta' xoghol li qed isir mill-perit ta' Trasport Malta.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai rat l-updates tas-Subway u staqsiet jekk hadniex update fuq ix-xoghol tal-iSkatepark.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li bhala updates ma gie xejn minn naha tal- Kunsill Malti ghall-isport.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li ccekkja u jidher li saru numru ta' tiswijiet gol-iSkatepark.

65.4.08 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Cirkulari AKL 83/2017 Laqgha tas-Sindki, 15 u 16 ta' Dicembru 2017 fil-Grand Hotel Mgarr Ghawdex. Kien gie kkonfermat li-Sur Maurice Agius jista' jattendi bhala rapprezentant flok is-Sur Charles Selvaggi u saru l-arrangamenti mehtiega biex jattendi.

65.4.09 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il-korrespondenza b'rimarki mibghuta minghand haddiem ta' District Operations, assenjat mal-Kunsill. Ir-risposta giet mibghuta lis-Sur John Micallef.

65.4.10 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Inizjattiva, Financial Initiative Tarmac of Roads which fall under LC's responsibility. Saru l-istimi tal-perit ghal Triq Gwann Mamo u ser nitolbu l- istima mill-kuntrattur biex inkunu nistghu napplikaw halli din issir flok Triq Nazju Falzon. Jekk tkun approvata din tista' issir u tinghalaq ghal certu xoghol minghajr problemi u possibli li tkun lesta sal-estensjoni ta' 28 ta' Frar.

65.4.11 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar it-talba biex jigi rrangat il-parkegg hdejn Gnien il-Kunsill Lokali u biex issir estenzjoni tal-bankina jew xi marka li tindika estenzjoni halli l- karozzi joqghodu 'il gewwa minnha. Ktibna lill-Trasport Malta.

65.4.12 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar it-tindif tal-fanali go Triq Rue D'Argens. Il-kuntrattur li gie mqabbad biex jaghmel ix-xoghol lesta biss ghad fadal fanal li kellu xi hgieg mkisser u se jara kif dan jigi rrangat.

65.4.13 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Loading /Unloading bay ta' hdejn Jon David, qed jigi verifikat permezz ta' ritratti bil-hinijiet. Il-vetturi pparkjati fuqha b'mod abbuziv.

65.4.14 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar talba ghal-laqgha mas-Sur Desira bhala sid il-kumpanija Road Maintenance Services Ltd fuq il-fanal ta' Victor Denaro intbaghtet it-tieni reminder.

Is-Sur Lino Bartolo qal < li l-Kuntrattur li ghamel ix-xoghol ghan-Nexos fil-Playing Field (l-istess wiehed ta'Triq Victor Denaro) kien ghamel hsara fid-Drip Irrigation tal-post u ghandu jirrangah. Dan kien sewa fuq 1000 ewro >. li jekk dan ser jibqa ma jirrispondix ghandna mmexxu bl-avukat ghax tajnieh zmien bizzejjed.

Mizjuda : < li l-Kuntrattur li ghamel ix-xoghol ghan-Nexos fil-Playing Field (l-istess wiehed ta'Triq Victor Denaro)kien ghamel hsara fid-Drip Irrigation tal-post u ghandu jirrangah. Dan kien sewa fuq 1000 ewro >

65.4.15 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm zviluppi dwar l-istat tal-art mad-dawra tal-monument ghax din hija vera perikuluza u ma tantx tista' tintuza u fejn possibli ssir xi patching.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li sal-gurnata ma hax risposta.

65.4.16 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar sparatura ghall-hamiem. Tlabna xi dettalji minn Kunsill Lokali iehor biex naraw kif jaghmlu u se titwahhal tabella hdejn l-Ghajn tal-Hasselin li tavza li dan mhux permess.

Is-Sur Lino Bartolo staqsa meta l-isparatura tista' issir.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li wara il-festa jibda jahseb biex japplika mal- pulizija u jara min ser jigi jispara.

65.4.17 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il-periklu fejn kostruzzjoni li tinstab tiela' hdejn il-muzew tas-subien. Twahhlet speed ramp u baghatna lill-Kuntrattur biex jiccara l-posizzjoni tieghu u jerfa' responsabbilita' jekk ma jaghmilx tajjeb ghal dak mitlub minn Trasport Malta.

Is-Sur Maurice Agius qal li hemm dahla li trid tinghalaq sew.

65.4.18 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar it-Tender tal-Bandli tas-Swatar ix-xoghol beda u mhux mistenni li jiehu hafna zmien biex ikun lest.

65.4.19 Is-Sur Maurice Agius staqsa minn meta mhux se jinhargu permessi ghal kostruzzjoni ghal zmien il-festi.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li bejn it-22 ta' Dicembru u t-2 ta' Jannar inkluzi z-zewg dati msemmija. Mhux ser jinhargu permessi ghal xoghol marbut ma' kostruzzjoni.

65.4.20 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk intbghatitx il-kopja tal-Istatut u risposta biex tissejjah laqgha bejn rapprezentanti tal-Kunsill mal-kumitat.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sal gurnata ma gietx risposta izda li sab kopja tal-istatut fil-file tal-kunsill.

65.4.21 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar proposta mis-Sur Maurice Agius biex jitnehha hrug perikoluz minn < Triq il Kosbor > ghal go Triq Princess Margaret. Ktibna lis-Segretarju Ezekutti ta' Ta' Xbiex ghal-laqgha fuq is-suggett.

Mibdula:< Triq il Kosbor>

## 65.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

65.5.01 Is Sur Maurice Agius tkellem fuq korrespondenza dwar triq il-Kuncizzjoni u qal li hemm bzonn jigu rrangati l-ispeed signs ghax hemm wahda ta' 20 u l-ohrajn bil-15 u staqsa jekk hux possibli niktbu lil LESA biex jikkunsidraw jaghmlu speed camera.

65.5.02 Is-Sur Emanuel Brincat talab biex napplikaw ghall-aktar dawl go Triq tas-Sisla.

65.5.03 Is-Sur <Maurice Agius > talab biex jitnehhew xi fdalijiet ta' katusi li thallew hemm meta saret it-triq.

Mibdula:<Maurice Agius>

65.5.04 Is-Sur Charles Selvaggi talab biex nitolbu il-LESA tibghat wardens go triq E.H. Furse minhabba li xi whud qed jitilghu wrong way.

65.5.05 Is-Sur Charles Selvaggi talab biex nitolbu lill-Pulizija biex jicclaqlaq van minn Triq l-Universita' ghax ilu hemm pparkjat u jintuza bhala store.

65.5.06 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar culvert fi Triq Principessa Margaret biex jitnaddaf.

65.5.07 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar scaffolding go triq it-Torri u staqsa jekk dan hux suppost ihallas ghax qed jokupa parkegg.

65.5.08 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar sprall go triq il-Wied fejn ghadu ma sar xejn fuqu mill-Water Services.

65.5.09 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar avvizi fuq il-Bollards biex niccekjaw li dawn qed jithallsu.

65.5.10 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-Binja tal-Kunsill ghax iz-zmien qed jghaddi minn meta hareg il-permess biex inzidu zewgt sulari u ghadu ma sar xejn biex din titla.

65.5.11 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai staqsiet lill-kunsilliera prezenti x'jahsbu fuq l-app u jekk jaqblux li dan isir.
Il-Kunsilliera prezenti qablu u approvaw li dan ghandu jsir inkluz is-sistema ghal fuq l-Apple.

### 65.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat

65.6.01 Is-Sindku Margaret Baldachino pprezentat fuq il-mejda dokument ta' rendikont dwar x'gie diskuss u propost waqt il-laqgha tas-Sindki.

### 65.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

65.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-65 <dc 65 /7/01> ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-membri.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti, li dawn il-pagamenti jkopru invoices li l-Kunsill ircieva sal-gurnata ta' 18 ta' Dicembru 2017.

L-iskeda giet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u ssekondata mis-Sur Charles Selvaggi.
Skeda ġiet approvata unanimament.

### 65.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

65.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 23 ta'Jannar 2018

Mibdula:<23 ta'Jannar 2018>

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |